Newspaper Post

# Żminijietna

żminijietna lehen ix-xellug

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 23 Lulju - Settembru 2014 40c

## *Remembering The other September 11- Chile, the torch of the Utopia*

**By Garden of Knowledge Malta Association**

Garden of Knowledge Malta Association invites you all to an exceptional and first time event in Malta The Premiere of the Movie:

"The sons of the thousand days"
By Chilean director Claudia Soto Mansilla

Remembering the Other September 11: Chile "the torch of the Utopia: For much of the population in the world, September 11 marks the anniversary of the terrorist attacks on the World Trade Center and the Pentagon in USA.

But for the people of Chile, much of Latin America, and democratic reformers at large, it marks another significant anniversary.

When: Friday 12 semptember 2014
Where: Europa House –
254 St Paul Street - Valletta
From: 6:30 pm

Duration of the movie: 1h30
In Spanish with English subtitles
Feel free to donate.
*(More information on page 7)*



***Ġewwa...***

Intervista ma' Fra Gwann Xerri ***fejn jgħid li "Marx huwa ġust meta jgħid li din hi soċjetà ta' klassi".***

- L-Editorjal dwar il-ħatra tal-Presidenza Ewropea.
- It-Traġedja ta' l-Ukraina.
- The Crisis of Tradeunionism.
- Messaġġ miċ-Ċittadini tal-UE.
- Banking – Usury. Who Benefits? *A lesson for a Social and Just Europe*.

# QAWMIEN XELLUGI

Fost il-pluralità ta' riżultati li karatterizzaw l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ta' min ninnutaw li fuq in-naħa tax-Xellug, kien hemm żieda ta' siġġijiet.

Il-blokk Soċjal Demokratiku żied l-appoġġ għall-186 siġġu, u l-Ħodor ġabu 55 siġġu. Iżda relattivament, l-ikbar avvanz kien dak tal-blokk Xellugi, li żied minn 34 għal 51 siġġu. Fil-Greċja, is-Syriza mmexxija min Alexis Tsipras – li mexxa wkoll il-kampanja tal-Partit tax-Xellug Ewropew - sar l-akbar partit b'28 fil-mija tal-voti, u dan il-persentaġġ jista' jikber jekk ikun hemm front maqgħud ma' partiti oħrajn tax-Xellug. Anke f'pajjiżi bħal Spanja, il-Portugal u l-Ġermanja, il-partiti tax-Xellug ġabu riżultati pożittivi.




Minkejja li l-voti li ġabu l-forzi tax-Xellug u dawk Progressivi m'humiex biżżejjed biex jiksbu maġġoranza fil-Parlament Ewropew, ir-riżultat xorta żied is-saħħa ta' dawk li qed isejħu għal Ewropa soċjali.

Dan f'kuntest ta' politika ta' awsterità mposta mit-Troika Ewropea li ntensifikat il-prekarjetà, inguwaljanzi u faqar f'bosta pajjiżi Ewropej.

Wieħed jittama li l-forzi Xellugin u Progressivi jaħdmu iktar fil-qrib kontra l-mewġa neo-liberali u anke l-mewġa tal-lemin estrem u l-lemin popolista li kiseb riżultati tajbin f'pajjiżi bħall-Franza u l-Ingilterra.

F'dan ir-rigward, dak li qed jiġri fl-Italja huwa tassew importanti. Il-Partito Democratico ta' Renzi ġab 40 fil-mija tal-voti u rnexxielu jegħleb b'mod konvinċenti lill-Movimento 5 Stelle u lill-Forza Italia. Fl-istess ħin il-moviment tax-xellug, kompost minn partiti, attivisti u intelletwali differenti li ngħaqdu wara Tsipras - ġab iktar minn erba' fil-mija u b'hekk ser ikun rappreżentat fil-Parlament Ewropew. Hemm min jgħid li l-Partito Democratico ta' Renzi jirrappreżenta politika ċentrista u Amerikanizzata, iżda hemm ukoll min qed jgħid li Renzi jista' u għandu jkun vuċi ewlenija fost il-mexxejja Ewropej li jopponu l-Awsterità mposta minn Merkel u l-alleati tagħha.

Fi ħdan ix-Xellug Taljan – speċjalment fis-Sinistra Ecologia e Liberta' (SEL) iżda anke fir-Rifondazione Comunista - hemm diskussjoni sħiħa dwar jekk għandux ikun hemm appoġġ għal gvern ċentru-Xellugi ta' Renzi, liema Gvern hu kompost ukoll minn elementi miċ-ċentru Lemin.

Din id-diskussjoni għandha l-antagonizmi tagħha, tant, li kien hemm qasma fis-SEL bejn dawk minħabba din il-kwistjoni.

Nichi Vendola, il-mexxej tas-SEL qal li l-Partit tiegħu jirrappreżenta "xellug tal-governanza iżda mhux xellug fil-gvern" ("*Una sinistra di governo, non è una sinistra nel governo*"). Il-partiti, movimenti, attivisti u ntelletwali tax-Xellug għandhom jaspiraw biex ikun hemm governanza xellugija, iżda dan ma jfissirx li jiġu assorbiti fil-partiti soċjal-demokratiċi b'mod li leħinhom jispiċċa fix-xejn.

Minkejja li x-xellug huwa kemm 'il darba kkaratterizzat minn qasmiet u settarjaniżmu, jista' jkun hemm ukoll tenzjoni produttiva fil-kamp xellugi u progressiv li tista' twassal għal kisbiet kbar u formazzjoni eġemonika. F'dan ir-rigward forsi wieħed jista' jitgħallem mix-Xellug Latin Amerikan, kif kien jisħaq il-ħassieb Ernesto Laclau, li ħalliena ftit tal-gimgħat ilu.

Fil-kuntest Malti, il-Partit Laburista jidher li qed jibni eġemonija b'elementi kontradittorji - b'taħlita ta' diskors u politika soċjal-demokratika, soċjalista, liberali, neo-liberali u nazzjonalistiċi.

Fl-istess ħin, l-Alternattiva Demokratika ġabet riżultat ineffettiv fl-elezzjonijiet Ewropej. Għall-kuntrarju ta' l-aħħar elezzjoni ġenerali, AD reġgħet resqet lejn iċ-ċentru u minflok ma okkupat l-ispazju fuq ix-xellug, ippruvat tidher bħala alternattiva moderata u razzjonali f'nofs il-PL u l-PN.

Għalhekk, f'Malta hemm vojt politiku fuq ix-xellug li jista' jintela, u b'hekk isaħħaħ il-possibiltajiet' ta' nfluwenza xellugija fuq il-governanza.

Jeħtieġ li l-fjamma tax-xellug tibqa ħajja, liema fjamma tista' twassal għal bidliet kbar f'mumenti ta' qawmien meta l-masses jiktbu l-istorja.

# L-ASSOĊJAZZJONI INTERNAZZJONALI Tan-NIES Tax-XOGĦOL

**minn Alfred Consiglio**

L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tan-Nies tax-Xogħol, magħrufa wkoll bħala l-Ewwel Internazzjonal, kienet għaqda internazzjonali li mmirat li tgħaqqad diversi gruppi differenti ta' soċjalisti, komunisti w anarkisti. Din l-għaqda kienet iffurmata fl-1864 f'laqgħa tal-ħaddiema f'Saint Martin's Hall, Londra. L-ewwel kungress sar fl-1866 f'Ġeneva.

Fl-Ewropa, perjodu ta' reazzjoni krudila segwa r-rivoluzzjonijiet tal-1848. Il-fażi ewlenija ta' attività rivoluzzjonarja bdiet kważi għoxrin sena wara bit-twaqqif ta' din l-għaqda. Fl-aqwa tagħha din l-għaqda kienet tħaddan ħames miljun membru[1] għalkemm il-ġurnal uffiċjali jgħid tmien miljuni.[2]

Wara l-irvell fil-Polonja f'Jannar 1863, il-ħaddiema Ingliżi u Franċiżi bdew jiddiskutu kif jiżviluppaw relazzjoni aktar mill-qrib bejn il-ħaddiema. Tolain, Perrachon u Limousin żaru Londra f'Lulju 1863 u attendew laqgħa li saret f'ġieħ il-qawmien Pollakk. F'Settembru 1864, xi Franċiżi żaru mill-ġdid Londra bil-għan konkret li jitwaqqaf kumitat speċjali għal skambju ta' informazzjoni fuq materji ta' interess għall-ħaddiema.

Fit-28 ta' Settembru laqgħa internazzjonali għal riċeviment tad-delegati Franċiżi saret f'Saint Martin's Hall, u Edward Spencer Beesly, fid-diskors tiegħu waqqa' għaċ-ċajt il-proċeduri vjolenti tal-gvernijiet, u ħambaq fuq għaqda tal-ħaddiema tad-dinja biex jiksbu ġustizzja.

George Odger, segretarju tal-General Trades Council, qara diskors u sejjaħ għal kooperazzjoni. Il-laqgħa ddeċiedit unanimament biex tifforma għaqda tal-ħaddiema. Is-sede kellha tkun f'Londra b'kumitat ta' 21 membru elett.

Ħafna mill-membri Ingliżi kienu mill-Universal League for the Material Elevation of the Industrious Classes,[3] u kienu mexxejja trejdunjonisti bħal Odger, George Howell, Osborne u Lucraft. Fost il-Franċiżi kien hemm Denoual, Victor Le Lubez u Bosquet. Membri oħrajn kienu Fontana, Luigi Wolff, Johann Eccarius u Karl Marx.

Fil-5 ta' Ottubru ġie ffurmat Kunsill Ġenerali li kien ibbażat fil-bini tal-Universal League. Gruppi diversi offrew proposti. John Weston issottometta programm. Marx kellu jikteb l-indirizz għall-ħaddiema.

Meta twaqqaf, l-Internazzjonal kien



Il-laqgħa inawgurali f'Londra

alleanza ta'nies minn gruppi varji, u nkludew Blanquisti Franċiżi, Owenisti Ingliżi, Repubblikani Taljani w anarkisti Amerikani bħal ma kien Stephen Pearl Andrews. Matul is-snin, Marx kien figura ewlenija.

Minħabba l-varjetà vasta ta' filosofiji kien hemm kunflitt mill-ewwel. L-ewwel oġġezzjonijiet lejn Marx ġew minn għand il-Mutwalisti li opponew il-komuniżmu u l-istatiżmu. Madankollu, ftit wara li Mikhail Bakunin u s-segwaċi tiegħu, li kienu jissejjħu Kollettivisti, issaħħu fl-1868, l-għaqda saret ippolarizzata f'żewġ kampi.

Forsi d-differenzi l-aktar evidenti bejn il-gruppi feġġew fuq l-istrateġiji proposti biex jiksbu l-vizzjonijiet tagħhom ta' soċjaliżmu. L-anarkisti, miġburin madwar Bakunin, iffavorixxew taqtigħa kummerċjali diretta kontra l-kapitaliżmu, mingħajr indħil fl-aġitazzjoni politika parlamentari. Tliet kurrenti kienu qed jippruvaw jimponu l-veduti tagħhom.

Marx kiteb l-indirizz inawgurali li ġie approvat mill-Kunsill Ġenerali f'Novembru 1864. Ikkumparat mal-Manifest Komunista, l-Indirizz huwa dokument moderat. Il-Manifest ittratta, f'ġabra kuraġġuża, il-qawmien tal-kapitaliżmu, l-istorja tal-kunflitt soċjali, u l-prinċipji tal-komuniżmu. L-Indirizz beda b'deskrizzjoni ta' kundizzjonijiet ekonomiċi fl-Ingilterra Vittorjana, iddikjara li l-massa tal-klassi ħaddiema ma kienetx ingħatat sehem fl-avvanzi ġenerali fil-livell ta' għixien magħmul possibbli bil-progress teknoloġiku u l-bum industrijali sa mill-1848. Li tirbaħ il-poter politiku għalhekk sar id-dmir ewlieni tal-klassijiet ħaddiema.

Fil-Kungress tal-1866 li sar f'Geneva, il-grupp Proudhonista ddomina d-diskussjonijiet. Sitt Blanquisti, li kienu akkużaw lir-rappreżentanti Franċiżi bħala aġenti ta' Bonaparte, kienu mkeċċijin. Deċizzjoni sinifikanti f'dan l-istadju kienet l-adozzjoni tat-tmien siegħat xogħol.

Sena wara sar Kungress ieħor f'Lausenne; dan sar bejn it-2 u t-8 ta' Settembru 1867. Marx ma attendix. Il-grupp Proudhonista influwenza l-organizzazzjoni tal-Internazzjonal, però naqsu li jiksbu t-tmexxija tal-Internazzjonal.

Il-Kungress ta' Brussell fl-1868 oppona l-affiljazzjoni mal-League of Peace and Freedom.

Ir-Raba' Kungress sar f'Basle bejn is-6 u t-12 ta' Settembru 1869. Dawk li attendew inkludew lil Ingliżi Applegarth, Eccarius, Cowell Stepney, Lessner, Lucraft u Jung; minn Franza attendew Dereure, Landrin, Chémalé, Murat, Aubry, Tolain, Palix, Varlin u Bakunin; mill-Belġju ġew Hins, Brismée u de Paepe; mill-Awstrija ġew Neumayer u Oberwinder. Il-Ġermaniżi bagħtu lil Becker, Liebknecht, Rittinghausen u Hess; mill-Isvizzera ġew Burkly, Greuch, Guillaume, Perret u Schwitzguébel; mill-Italja ġie Caporosso. Spanja bagħtet lil Sentinon u Farga-Pellicer.

Sa minn meta r-raba' Kungress tal-Internazzjonal, li sar f'Basle f'Settembru 1869, kien adotta r-rapport tal-Kunsill, kien deher ċar li maġġoranza kienet favur dak li ssejjaħ "kollettiviżmu". Fuq l-aġenda kien hemm in-nazzjonalizzazzjoni tal-art li ma kienetx mixtieqa mill-Proudhonisti. Però, il-maġġoranza "kollettivista" nqasmet fuq proposta ta' Bakunin li d-dritt tal-wirt ikun abolit..

Wara d-disfatta tal-Komun ta' Pariġi fl-1871, Bakunin ikkaretterizza l-ideat ta' Marx bħala awtoritarji, u ħabbar li jekk xi partit Marxist jieħu l-poter, il-mexxejja tiegħu jsiru ħżiena daqs il-klassi ħakkiema li kien iġġieled magħha. Fil-Kungress ta' The Hague fl-1872, l-Internazzjonal inqasam f'żewġ gruppi. Minn hemm 'il quddiem, il-kurrenti marxisti w anarkisti tas-soċjaliżmu kellhom organizzazzjonijiet distinti, f'ċertu żmien anke "internazzjonali" rivali.

Din il-qasma, xi drabi msejjħa l-qasma "ħamra" u "sewda", l-aħmar jirreferi għall-marxisti u l-iswed għall-anarkisti. F'Settembru 1872 maġġoranza żgħira vvotat għall-proposta ta' Marx biex is-sede tal-Internazzjonal tkun trasferita lejn New York. Ftit snin wara, fl-1876, l-Internazzjonal miet mewta naturali f'Philadelphia.

Noti:

1. Robert Payne: Marx: A Biography, New York, 1968.
2. Journal Officiel, Mejju 29, 1871.
3. F.M. Leventhal: Respectable Radical, London 1971.

# Messaġġ Miċ-Ċittadini ta' l-UE

**Apert - Birkirkara.**

L-Elezzjonijiet tal-PE li saru f'Mejju madwar l-Ewropa, taw riżultat individwali u globali li jikkumplimenta l-iskuntentezza li ilhom juru ċ-ċittadini, bi protesti mqanqla kontra l-faqar u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-kwistjoni tal-immigrazzjoni rregolari.

Iċ-ċaqlieq kbir tal-voti lejn partiti estremi u/jew ġodda, ma sarx wisq minħabba prinċipji politiċi, imma kien aktar dovut għal protesta kollettiva kontra t-telf tal-kundizzjonijiet tal-ħajja li kienu ntrebħu matul is-snin, u li suppost li jiġu protetti skond dawk il-prinċipji. Il-protesta tinkludi wkoll kumplikazzjoni razzista.

Il-faqar u l-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol ġejjin mill-politika ta' awsterità ħarxa li l-UE qed timponi biex ittaffi l-falliment finanzjarju li ġabu l-banek ewlenin bil-policy tas-suq libertin tal-istess UE. Fuq dawn nitkellem darba oħra.

Illum inħares lejn l-immigrazzjoni rregolari li xkattat bla kontroll u qed tinkwieta lill-ħaddiema u tippreokkupa lill-familji fl-istati tal-periferiji jew fruntieri, tas-sud u ta' Lbiċ tal-UE. Qegħda tiskomoda wkoll liċ-ċittadini ta' stati li kienu kkolonizzaw territorji Afrikani, u ġabu immigranti minnhom biex jaħdmu fl-ekonomija li riedu jiżviluppaw fl-art Ewropea.

Mela l-immigrazzjoni qed tikkawża




problemi ta' żewġ kategoriji. Waħda fil-pajjiżi ex-kolonizzaturi bħal Franza u l-Ingilterra, fejn għexieren ta' snin ilu fetħu l-immigrazzjoni mill-Afrika huma stess, biex jissodisfaw l-esiġenzi ekonomiċi tagħhom. Matul is-snin dawk l-immigranti rabbew familji u saru sudditi tal-pajjiż Ewropew, bid-drittijiet kollha taċ-ċittadini tal-lokal. Mhux ġust li l-ex kolonizzatur issa juri dubji dwar id-drittijiet ta' dawk in-nies u tad-dixxendenti tagħhom li jitwieldu sudditi tal-lokal. Anzi l-ex kolonizzatur għandu dmir li jerfa' r-responsabilità biex itaffi t-tbatija tal-immigranti li fil-preżent qegħdin jaħarbu lejn l-UE, mill-ex kolonji li faqqar jew ħalla jiftaqru hu.

Il-problema tal-kategorija l-oħra tinvolvi l-pajjiżi tal-periferija bħal Malta u l-Italja, fejn eluf ta' Afrikani qed jaslu kull sena bid-dgħajjes irregolarment u bla identifikazzjoni. Iż-żewġ stati ma jifilħux aktar jirċievu dak l-influss ta' immigranti bla kontroll u mingħajr il-koperazzjoni meħtieġa tal-pajjiżi kollha tal-UE.

Dan żviluppa fi problema li qegħda dejjem tikber b'rata allarmanti. L-immigrazzjoni rregolari tista' twassal għal diffikultajiet kbar soċio-ekonomiċi u soċio-kulturali. Dawn issa qed jieħdu dimensjoni politika billi l-elettorat f'ħafna stati resaq lejn partiti estremisti, minħabba li l-gvernijiet rispettivi tagħhom u l-UE ma solvewx il-problemi. Din il-verita ħarġet ċara mill-fatt li l-uniċi żewġ gvernijiet li għamlu rebħ f'dawn l-elezzjonijiet kienu ta' l-Italja u ta' Malta, li qegħdin jinsistu bil-kbir ma' l-UE biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata ġustament b'mod konkret.

Ir-riżultati kkonfermaw li l-eletturi tilfu l-fiduċja fit-tmexxija preżenti tal-UE, u qed ifittxu alternattiva għall-partiti li l-UE qed tħalli iżolati jġorru l-problemi tagħhom weħidhom, meta huma ħarġu biljuni ta' Euro biex salvaw banek mill-falliment finanzjarju. Dan l-egoiżmu mhux aċċettabbli fi ħdan l-unjoni, li twaqfet speċifikament fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u sussidjarjetà.

L-eletturi taw messaġġ lill-UE biex tieħu l-inizjattiva soda li tirregola u tippjana l-immigrazzjoni b'mod li l-influss jinfirex f'kull stat skond il-bżonn tiegħu u/jew skond id-disponibilità li jkun imissu joffri. Hija obbligata li tmexxi lil istati membri kollha f'dak il-pjan kollettiv organizzat. Bħala istituzzjoni li tinkorpora l-ex kolonizzaturi, l-UE għandha obbligu morali li tiskonta parti min-nuqqas passat ta' xi membri tagħha, billi tgħin lil ex kolonji jiżviluppaw biex titjieb il-ħajja tal-Afrikani u jitrażżan l-eżodu tagħhom mill-Afrika.

*Editorjal*

## *Jean Claude Juncker*

# Iċ-Ċampjin tal-Politika ta' Awsteritá fl-UE

Jean Claude Juncker, ex gvernatur tal-Bank Dinji huwa magħruf bħala persuna fanatika għall-ideja ta' Ewropa Federalista u kien l-istess persuna li meta kien Priministru ta' Lussemburgu, għal 19 –il sena sħaħ, ittrasforma l-pajjiż ta' nofs miljun persuna f'tax haven li minnhom gawdew l-aktar dawk sinjuri fosthom dawk li jmexxu l-oqsma finanzjarji u korporazzjonijiet kbar.

L-istess meta kien fi tmexxija ta' l-Ewro, Juncker lagħab parti kruċjali biex flus il-poplu jintużaw biex jiġu salvati banek - f'biljuni ta' ewros minn fondi pubbliċi, filwaqt li l-poplu jiġi fraġellat bil-politika ta' awsterità.




Il-politika ta' awsterità li Juncker kien il-paladin tagħha wasslet biex il-faqar fl-Ewropa jisplodi b'rata allarmanti, jintilfu l-impjiegi, jitnaqqas l-investiment f'oqsma soċjali u ambjentali, u jiġi aktar id-deregulat is-suq tax-xogħol, billi jiddaħħlu liġijiet ġodda sabiex l-impjieg prekarju jsir l-ordni tal-ġurnata.

Riċerka turi rata għolja ta' suwiċidji marbuta ma' l-politika ta' awsterità mponuta mit-Troika.

Bil-ftehim milħuq qabel l-elezzjonijiet tal-PE li l-President tal-Kummissjoni Ewropeja jkun ġej mill-grupp rebbieħ (dak li l-aktar iġib siġġijiet fil-PE) wassal biex illum il-Partiti tas-soċjal demokrazija kellhom jbaxxu rashom għal ħatra ta' Juncker.

# It-Traġedja ta' l-Ukraina.

**Victor Degiovanni**

Agħti sehmek u pparteċipa fil-Kampanja kontra l-Qtil ta' Nies Ċivili fl-Ukraina – http://www.change.org/en-GB/petitions/dr-george-vella-save-people-of-ukraine

L-avvenimenti li ġraw din is-sena ġewwa l-Ukraina kienu ferm ta' għajb kemm għal Istati Uniti kif ukoll għal Unjoni Ewropeja fejn gvern elett demokratikament safa mneħħi mill-poter bl-għajnuna ta' dawn, sabiex jitpoġġa gvern ieħor li kien jgħogob lilhom u jgħaqdihom mill-koxxa.

Wara li l-Gvern ta' Viktor Yakunovich kellu diskussjonijiet mal-UE għal ghajnuna minħabba l-ekonomija mwera tal-Ukraina, dan kellu jagħżel l-offerta li kien għamillu Vladimir Putin, President tal-Federazzjoni Russa, offerta li kienet ferm aħjar minn dik ta' l-Unjoni Ewropeja li kull ma kienu qed joffrulu kienet awsterità biss. Bir-raġun kollu, Yakunovich għażel l-aktar offerta vantaġġjuża, li kienet dik li kien qed joffrilu Vladimir Putin, u kellu jirrifjuta l-awsterità li l-UE riedet timponi fuq il-poplu Ukren.

Din l-għażla urtat bil-kbir il-partiti ta' l-oppożizzjoni, għaliex, kienet sejra twassal biex jitwarrbu l-pjanijiet li huma kienu ħejjew meta kienu fil-Gvern, sabiex l-Ukraina ssirr membru sħiħ tal-Unjoni Ewropeja. Dawn ħarġu n-nies tagħhom fit-toroq jipprotestaw. Magħhom ħarġu wkoll Partiti tal-lemin estrem li kienu f'koalizzjoni magħhom qabel ma tilfu l-elezzjonijiet nazzjonali.

Gruppi tal-lemin estrem, faxxisti, u Neo Nażisti, bdew iwettqu vjolenza fit-toroq fejn tkissru monumenti, saħansitra anki monument li jfakkar lil dawk l-Ukreni li mietu matul it-Tieni Gwerra Dinjija; ħatfu wkoll bini governattiv u meta l-forzi tal-ordni ippruvaw jikkontrollaw is-sitwazzjoni, l-gvern Ukren safa mhedded mill UE b'sanzjonijiet jekk l-forzi tal-ordni jużaw il-forza kontra skond UE "protesti pacifici".
Fl-aħbarijiet kull ma kien jidher kien nar, demm, u l-pulizija msawta mid-dimonstranti.

L-Unjoni Ewropeja daħlet bħala ntermedjarju bejn il-gvern u l-oppożizzjoni sabiex tinstab soluzzjoni li twassal għal ftehim, imma dan ġiex onorat mill-Partiti ta' l-opożizzjoni li baqgħu jużaw mezzi ta' terrur bħal ma kien isir fil-Ġermanja ta' l-epoka Nażista. Viktor Yakunovich


**Stepan Bandera (nofs) libes uniformi nażista**

irnexxielu jaħrab u anki xi deputati oħra tal-gvern. Dawk li ġew maqbuda ġew sfurzati b'theddid li joqtlu il-familji tagħhom jekk dawn ma jivvutawx favur mozzjoni ta' sfiduċja fil-Gvern. Dan l-att kien u kolp ta' stat kontra gvern leġittimu, elett demokratikament. L-Unjoni Ewropeja naqset milli taġixxi meta suppost kienet responsabbli sabiex tiggarantixxi l-ftehim milħuq taħt l-awspiċi tagħha u dawk internazzjonali.

Fost l-partiti tal-lemin estrem hemm l-Partit Zvoboda, partit neo-Nażista. Dan il-partit beda r-renju ta' terrur ġewwa Kiev u ġewwa bliet oħra Ukreni. Twaħħlu *streamers* kbar ma' bini pubbliku juru lil Stepan Bandera* - l-eroj ta' dawn in-Nażisti. Bdew isiru Marċi ġewwa Kiev bil- fjakkoli mixgħula u b'membri tal-partit lebsin 'armbands' juru l-iżvastika, waqt li jkantaw inni Nażisti u jgħajtu slogans ta' tifħir lil Stepan Bandera. Kiev saret qisa Berlin ta' l-1938.

Stepan Bandera hu meqjuż bħala traditur - fejn fit-Tieni Gwerra Dinjija ngħaqad mal-Forzi ta' Hitler kontra pajjiżu. Dan baqa' jissimbolizza r-reżistenza faxxista ġewwa l-Ukraina. Din ir-reżistenza qatt ma kellha appoġġ popolari, imma kellha appoġġ mill-Istati Uniti li matul il-Gwerra Bierda kienet tipprova tibgħat bil-moħbi persuni ta' oriġini Ukreni sabiex iqajjmu ferment ġewwa dan il-pajjiż. Grazzi għal Kim Philby dawn it-tentattivi kienu jfallu, peress li nies li jidħlu minn barra klandestinament fil-pajjiż kienu jiġu arrestati malli jidħlu fi territorju Ukren. Ta' min isemmi lil Stepan Bandera li kien inqabad wara l-gwerra mill-armata Sovjetika, u spiċċa maqtul b'tiri *(iffuċilat)*. Tista' faċilment issejjaħlu Borg Pisani ta' l-Ukraina, imma vjolenti.

Illum tista' tgħid li vjolenza ġewwa Kiev, il-kapitali, saret l-ordni tal-ġurnata, il-Kwartjiri tal-Partit Komunista sfaw attakkati u mkissrin. Il-Vjolenza nfirxet fi bliet oħra. Ġewwa Odessa nħaraq il-bini ta' Trejdjunjin u nqatlu mal-40 persuna li ma tħallewx joħorġu mill-bini għaliex il-folla faxxista bdiet tispara b'armi tan-nar fuqhom quddiem il-forzi tal-ordni li ħallew dawn l-atti kriminali jseħħu. Ċittadini Ukreni li jitkellmu bir-Russu issa saru ċittadini ta' tieni klassi – bi ftit drittijiet. Hawn beda nkwiet serju għaliex iċ-ċittadini ta' nofs inhar u tal-lvant tal-Ukraina ma aċċettawx dawn il-kundizzjonijiet, u lanqas ma bdew jgħarfu l-gvern illeġittimu ta' Kiev.

Il-Krimeja li sa' l-1954 kienet tagħmel parti mil-Federazzjoni Russa fejn kienet ingħatat lil Ukraina min Nikita Kruschev, issa, wara referendum, 90% ta' dawk li 'ivvutaw' qablu li tinqata mill-Ukraina u tingħaqad mal-Federazzjoni Russa. Kemm l-UE u kemm l-Istati Uniti bil-wiċċ vili kollu sejħu dan l-att bħala wieħed illegali. Insew li biex saret is-seċċessjoni tal-Kosovo mis-Serbja huma bagħtu lin-NATO tibbumbardja Belgrade. Fejn ukoll, dak inhar, kienu ddikjaraw li kull poplu għandu s-sovranità li jagħżel hu. Hawnhekk ħarġet biċ-ċar l-ipokrezija tal-Punent. minkejja kull ma ntqal. Il-Krimeja s-seċediet mill-Ukraina u wara ġiet aċċettata bħala parti mill-Federazzjoni Russa. Issa kemm l-UE u kif wkoll l-Istati Uniti bdew jimponu sanzjonijiet ekonomiċi u ta' iżolar fuq il-Federazzjoni Russa sabiex jippruvaw irreġġgħu lura dak li kien twettaq.

Reġjunijiet fid-Donbass għamlu l-istess talba, żammew referenda, u wara riżultat pożittiv iddikjaraw ruħhom bħala pajjiżi ndipendenti mill-Ukraina. Fiż-żmien ta' l-elezzjoni Presidenzjali il-ġdida, sabiex jilliġittimizzaw il-Gvern, kemm l-UE u kif ukoll l-Istati Uniti bdew jheddu lill-Federazzjoni Russa li jekk ikun hemm indħil dan ser iwassal għal riperkussjonijiet. L-elezzjoni saret u safa elett ir-"Re taċ-Cikkulata" bi 52% ta' dawk li ivvutaw. Fl-ewwel att tiegħu, l-President il-ġdid iddikjara gwerra kontra l-poplu ta' dan ir-reġjun, bl-armata Ukraina li kienet tinkludi fiha volontiera mill-forzi tan-NATO bdew iwettqu massakri sħaħ kontra nies ċivili.

Madwar id-dinja, nies progressivi u xellugin bdew juru d-disapprovazzjoni għal dawn l-atti kriminali. F'Malta, il-Partit Komunista flimkien ma l-organizazzjoni Ġnien tal-Gherf qed jorganizzaw ġbir ta' firem *(online)* biex nħeġġu lil Dr George Vella, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, kif ukoll is-Sur John Debono, Konslu Malti għal Ukraina ħalli jagħmlu pressjoni diplomatika fuq l-Amministrazzjoni tal-Ukraina sabiex jitwaqqfu l-attakki kontra nies ċivili mill-armata Ukrena, fir-reġjun ta' Donbass fl-Ukraina.

**Nħeġġuk tagħti sehmek f'din il-kawża ġusta favur il-poplu Ukren - f'dan l-indirizz digitali http://www.change.org/en-GB/petitions/dr-george-vella-save-people-of-ukraine**

*Inħeġġukom sabiex tingħaqdu magħna f'din il-kawża Anti-Faxxista.*

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, l-Alleanza Liberali ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# *"Kullħadd jgħid li l-ekonomija sejra l-quddiem, imma wieħed jistaqsi għal Min?"* - *Fra Ġwann Xerri*

"Il-ħidma tiegħi fil-Brażil waslitni biex nifhem aktar is-soċjetà mill-qrib", hekk qal Fra Ġwann waqt intervista mal-Editur tal-gazzetta Żminijietna.

Fra Ġwann huwa mwieled il-Belt u trabba tas-Sliema. Studja ġewwa l-iskola f'tas-Sliema ta' St Joseph u wara mort il-Liċeo u wara dħalt Dumnikan. Bdejt l-esperjenza tiegħi fil-Brażil fl-1974. Għext l-ewwel 3 snin fiż-żona rurali fejn kien hemm eżodu rurali tal-biża minħabba l-bdil ekonomiku taħt id-dittatura faxxista (ta' Ġeneral Gayzer)li ma kienetx għada fl-eqqel tagħha. Wara nbagħat nistudja Rio De Janiero fejn hemm bdiet tinbet it-Teoloġija ta' Liberalizazzjoni. Min hemm beda tqarrib tiegħi lejn ix-xellug permezz stess ta' dawn il-movimenti fi ħdan il-knisja u l-movimenti soċjali. Il-partit xellugi kien għadu projbit, imma kien hemm il-ħolqien ta' movimenti xellugin fosthom l-hekk imsejjaħ *moviment mingħajr art* li kien qiegħed f'taqbida kontinwa mal-Gvern biex itejjbu l-qagħda tagħhom. Tista' tgħid li jien minn hemm bdejt. Il-knisja kellha ħidma pastorali li bdiet b'dik li ngħidulha aħna tal-karita, li nibtet minn l-Isqof Camara li kien sejħilha il-kruċjata ta' San Bastjan, fejn il-Papa tlieta u għoxrin b'mod ironiku qallu li "tidher li ma għandekx esperjenza fil-middle east għax kieku il-kelma kruċjata ma tużahiex".

Fra Ġawnn kompla jgħid li din imbagħad għaddiet minn aspett ta' assistenza u karità għal aspett ta' organizazzjoni u rinvindikazzjoni mill-Istat. Għalhekk ngħaddu minn kunċett bħala il-fqir minn kunċett ta' ħniena u tal-għajnuna għal fqir bħala suġġett għall-ħelsien tiegħu ma' l-oħrajn billi jorganizza ruħu; jesiġi li jsir ċittadin u jesiġi li jkollu drittijiet tiegħu mill-Istat. Sa hawn hemm ma għandna l-ebda kunċett ta' revoluzzjoni. S'intendi l-awtoritajiet kellhom l-ideja ta' soċjetà ta' klassi, ta' esplojtazzjoni. In-nies din kienu għadhom ma fehmuwiex u għalhekk kien hemm ħafna xogħol biex teduka n-nies. Essaġġ kienu l-mexxejja tal-komunità li dawruni favur il-kawża tal-fqir għax jien kont biss nqaddes bħal kull qassis ieħor fid-dinja, fosthom il-mexxej tal-foqra Akinando Bizerra magħruf bħala l-Bola (ballun) li llum mejjet bejn 1974-1978. Hu kien għallimni ħafna dwar in-nies foqra fil-Brażil. Imbagħad wara mort naħdem ġewwa l-belt kapitali San Paolo. Hemmhekk flimkien ma' oħrajn bdejna ngħinu lill-moviment tal-"*Bdiewa Bla Art*", imma ma konniex nagħmlu parti minnu bħala qassisin. Imbagħad dħalt fil-kwistjonijiet ta' drittijiet umani fi djoċesi li kienet ħafna mportanti fejn kellek nies jisparixxu *"desparicitus"* . San Paolo kienet iċ-ċentru ta' dawk in-nies li kienu jisparixxu fl-Arġentina u l-Urugwaj bis-saħħa ta' Kardinal. Dħalna naħdmu wkoll fil-Brażil stess fil-ħidma ta' anti-apartheid fl-Afrika t'isfel. Illum qed nkompli l-ħidma tiegħi pastorali fil-Brażil.

**L-Awtoritajiet tal-Knisja x'kienet l-attitudni tagħhom fi żmien id-Dittatura?**

Dak iż-żmien kien perjodu ta' taqlib fil-pajjiż, imma jien ma kelliex tensjoni mill-awtoritajiet tal-knisja, anzi nista ngħid li kien ta' appoġġ. Kien hemm isqfijiet li kellhom sehem importanti fis-soċjetà bis-saħħa ta' ħidmiet pastorali bl-appoġġ



dirett ta' konferenzi pastorali. Fi snin 90 kienet tpoġġiet bomba ma wieħed mill-mexxejja tal-komunità gays u fejn jien ġejt mitlub mill-awtoritajiet tal-knisja stess biex immur nuri solidarjetà ma din il-persuna. Iktar riċenti, qabel il-ħatra ta' Papa Franġisku kelli kwistjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-knisja peress li għandi storja li nħaddan it-Teoloġija tal-Liberalizazzjoni u għalhekk ġejt imċaħħad minn ċertu pożizzjonijiet fi ħdan il-knisja. Illum din żgur li nbidlet bil-ħatra ta' dan il-Papa.

**Jassoċċjaw ħafna fl-Amerika Latina it-Teoloġija tal-Liberalizazzjoni mal-Moviment Komunista, huwa ġustifikat dan?**

Ma tistax tassoċċjah hekk qisek għandek xi *"kawża u effett"*. Wieħed jistaqsi imma hemm relazzjoni jew le? Jien ngħid li mhux ġustifikat li jgħinad hekk, la fuq naħa u lanqas l-oħra. Li ġara filfatt fi ħdan il-knisja huwa li qabel il-ħatra ta' Papa Ġanni tlieta u għoxrin id-dinja nqagħlet mill-ideja ta' destin; li l-faqar mhux destin li Alla għamlu imma għażla tal-ekonomija, iġifieri maħluq mill-bniedem. Iġifieri li tippriedka l-paċenzja ma baqax ġustifikat la m'għamiliex Alla. La m'għamiliex Alla, allura l-paċenzja ma ssegwix aktar. Tajjeb li ngħidu li l-aqwa ħassieba ta' Teoloġija tal-Liberalizazzjoni studjaw hawn fil-pajjiżi tal-punent. It-teoloġija tar-revoluzzjoni twieldet hawn u mhux fl-Amerika Latina. Beda jinbet moviment kbir fi ħdan il-knisja sabiex jiġi eredikat il-faqar. Imma bdew jindunaw li żvilupp waħda mhux biżżejjed, imma jrid jkun hemm bdil radikali fis-sistema ekonomika. Il-faqar huwa xi ħaġa radikali, allura jeħtieġ tibdil radikali. Allura meta tibda tistudja dan minn se jgħinek biex tifimha din il-filosofija ta' Aristotle, Plato? Għalhekk minn hemm bdiet tiġi studjata ix-xjenza soċjali biex tifhem aktar il-faqar, u allura kif tista ma tistudjax il-Marx, jekk trid tifhem il-kapital!!

Fra Ġwann fisser li mhux għax studjajt il-Marx bdejt inħaddan it-Teoloġija tal-Liberalizazzjoni, imma għax ma qbajtx nemmen f'ħaġa u kelli bżonn biċċa għodda differenti. Dak li ġara mill-aspett teoriku. La m'għadniex nemmnu fil-paċenzja, allura jekk taqra' l-vanġelu se ttih dimensjoni differenti. Ma tistax tibqa' tgħid l-istess ħaġa lin-nies eż il-ħelsien tal-poplu Lhudi; il-fejqan ta' Ġesu; li Ġesu jgħid in-nies imxu, dawk jieħdu dawl ieħor.

Ħafna iktar importanti hu li fi żmien id-dittatura bdiet issir ħafna persekuzzjoni u xi nies ġew ittorturati u ntbgħatu l-ħabs. Minn kienu dawn in-nies? Il-Gvern kien jgħid li dawn kollha komunisti u xellugin. Meta fi-realtà dawn kienu attivisti mill-partit komunista, oħrajn xellugin u minn ħdan il-knisja, imma dawn intefgħu kollha fl-istess ħabs. Ġew ittorturati bl-istess mod u għall-istess raġuni ta' bidla favur il-fqir. Fra Ġwann qal li issa għidli inti li tkun fl-istess ħabs, ġejt ittorturat bl-istess mod u stuprat jekk mara bl-istess mod, allura dawn bdew jgħidu; imma d-differenza bejnietna x'inhi meta aħna nemmnu fl-istess affarijiet. L-istess meta qalu l-Papa Franġisk li kien iżgħar fl-età li hu komunist, hu qallhom li "komunist qatt ma kont, imma ħbieb komunisti għandi ħafna". L-istess loġika qed tiġi applikata jekk int tieħu pożizzjoni kontra l-gwerra fil-Libja u fl-Ukraina, jgħidulek li int tappoġġja l-Gaddafi jew f'dal każ riċenti lill-Putin.

S'intendi, kompla jelabora Fra Ġwann li l-Gvern fil-Brażil għamel kampanji kbar biex lil dawn jagħmilhom bħala dimonji, inkella kif se jirreżistihom, barra l-qtil brutali, kien hemm il-qtil li aħna ngħidulu tal-karattru. Kif qal l-ħassieb Amerikan Chomsky *"id-demonizzazzjoni hija l-ikbar għadu"*.

**Huwa ġust li jingħad li Papa Gwanni Pawlu tieni ma għinx f'dak li kien għaddej fil-Brażil?**

Daż żgur li ma għinx, huwa argumnent ġust ħafna. Papa Ġwanni Pawlu 2 kien anti-komunist. L-esperjenza tiegħu kienet fil-Polonja, kontra l-komuniżmu fil-Polonja, forsi kellu raġun u mbagħad taqa' fl-ereżija ta' l-għadu tal-għadu tiegħi huwa l-ħabib tiegħi. Din il-loġika żgur li mhiex dejjem treġi. Iżgur li hekk għamel, huwa fatt. Ara Papa Ġanni tlieta u għoxrin kien bil-maqlub ma kienx jibża mill-komunisti. Minħabba li hu kellu esperjenza qabel ma laħaq Papa ta' ħidma ma' Isqof fl-Italja li kien meqjuż bħala xellugi għax kien jaħdem favur il-ħaddiema. Allura dan meta tneħħa minn Isqof u ġie mibgħut il-Bulgarija dana għamel ħafna ħbieb Komunisti li kellhom familja fejn anke bis-saħħa ta' hekk iltaqa' ma Krushchev. Hu ma kienx jibża mil-Komunisti, imma ma jfissirx li kien iħaddan l-istess ideoloġija.

**X'bidliet rajt fil-Brażil minn meta kont hemm int u llum, f'perjodu fejn anke ġie elett il-partit xellugi ta' Lula u li llum għadu jiggverna taħt il-Presidenza ta' Dilma. Essaġġ l-ħolma ta' Paolo Freire ta' emanċipazzjoni tal-poplu seħħet?**

Fi żmien id-dittatura nibtu ħafna movimenti fosthom 'bdiewa bla art', ta' 'dawk bla dar', femministi, dawk li jiġbru l-karti, dawk indiġeni u dawk li jgħixu maġenb dams. Nibtu ħafna movimenti li kienu dawn li ġabu il-bidliet flimkien ma' dawk tal-ħaddiema li reġaw organizzaw ruħhom fi trejdjunjins (li kienu projbiti taħt id-dittatura) u l-moviment tal-istudenti (li kienu mħotta mil-gvern dittatorjali). Id-dittatura damet aktar minn għoxrin sena. Dawn ġabu il-bidliet għad-demokrazija fi 60s bl-għajta ta' riformi strutturali ta' saħħa b'xejn; edukazzjoni universali; riformi agrarji, li għadhom l-għajta ta' toroq sa llum ta' saħħa u edukazzjoni diċenti għall-kullħadd u li l-art tkun maqsuma aħjar mhux f'idejn ftit agro-business.

Fra Ġwann saqsa, x'ġara imma? Dana żgur li ma kienx avviniment tal-Brażil waħdu imma ġrat f'ħafna pajjiżi oħra fl-Amerika Latina. Illum meta ngħidu gvernijiet tax-xellug; gvernijiet aktar popolari, gvernijiet li għandhom ftit kuxjenza lejn il-fqir, filfatt huma kollha kapitalisti bl-eċċezzjoni tal-Gvern ta' Chavez u l-Ekwador ta' Correa. Mujica ta' Urugwaj huwa hu Soċjalista u martu li hi senatura, imma l-Gvern essaġġ m'huwiex. Mexa fl-istess triq ta' Franġisku ta' Assisi. Hu jgħix ta' soċjalist, bdiha hu billi naqqas il-paga iegħu u tagħha lill-foqra, ma jgħix fil-palazz u jgħix ħajja sempliċi.

Tajjeb ngħidu li l-movimenti armati fi snin 60 inħlew, intfilhom il-gass, li jfisser li din it-triq ma twassal imkien, filwaqt li l-ħajt ta' Berlin waqa' għax tmermer minn ġewwa. Allura hawn dawn il-movimenti sabu ruħhom f'dinja unipolari fejn rebaħ il-kapitaliżmu minn naħa għal oħra. Dawn il-movimenti ma kellhomx aktar ma minn jinnegozzjaw, anke fuq livell ta' pajjiż jekk kellhom jieħdu l-poter. Dana ma jistax isir jekk għandek sistema waħda

*ikompli f'paġna 5*

# *"Marx huwa ġust meta jgħid li din hi soċjetà ta' klassi."*

ekonomika.

Il-gvernijiet xellugin li telgħu llum qed jaħdmu f'sistema kapitalista li għandha l-ambigwità tagħha fejn dawn żammew is-sistema kapitalista, ħadnu teorija ta' żvilupp li hi fuq linja kapitalista, imma peress li għandhom ħafna aktar ruħ soċjali, allura għamlu ħafna riformi soċjali. Fil-Brażil saru riformi soċjali kbar bħall-introduzzjoni tal- 'borsa' (sistema ta' minimum wage) għal min hu bla xogħol; sabiex tfal imorru l-iskola minflok jaħdmu; anke biex tmur l-universita u tixtri l-kotba. Imbagħad daħlu l-kwotas sabiex aktar nies miż-żona l-fqira, indiġena, suwed u nisa jidħu fl-universita statali. (li jfisser li jrid jkun hemm rappreżentanza ta' kull minoranza fl-universita). Dawn taħt il-gvern ta' Lula splodew, għamilhom politika ċentrali. Naqqas it-taxxi fuq *white goods,* if-faċilita is-self mill-banek, imma dana kollu għamlu bla ma miss is-sinjur. Daħħal il-pensjoni. Ħafna nies tista' tgħid li nqalgħu mill-faqar. L-ekonomija tal-irħula tjiebet u għalhekk jitla'. Filfatt jakkużawh li dawn ir-riformi huma popolisti.

**X'inhuma n-nuqqasijiet llum u għala taħseb li qed isiru l-irvellijiet fil-Brażil bl-għajta ta' 'transport pubbliku b'xejn'?**

Il-Partit fil-gvern xellugi kellu fil-manifest oriġinali tiegħu li transport pubbliku jkun b'xejn, bi teorija tkun li din ekonomikament u kapitalistikament hija vijabbli u tajba għax; in-nies ittihom il-ħelsien; iċċaqlaq l-ekonomija; tnaqqas it-tniġġiż u l-ħela taż-żejt li hu għoli immens; ekoloġikament aħjar; tirrispetta d-dritt kostituzzjonali li nies għandhom id-dritt li jmorru u jiġu għax jekk it-trasport ikun għoli dan ma jistax iseħħ.

Fra Ġwann kompla jgħid li l-ewwel gvern lokali xellugi ġewwa San Paolo ippruvat iddaħħalha imma ma kelliex maġġoranza fil-parlament lokali u kien hemm wkoll 'lobby' b'saħħtu tas-sidien ta' transport li ma riedux it-telf. Dawn kienu jipprotestaw kull sena u issa li l-Ewropa ndunaw. Hemm xi bliet fil-Brażil li transport huwa b'xejn.

